# Kunsill Lokali Gżira

23 ta' Ġunju 2022

**Ref Nru. 46/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 46/2022 li saret l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficju tal-Kunsill fil-5.30pm.

**Preżenti**

Disgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsilliera Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Shaun Farrugia, Jessica Borg u Hugh Caruana, flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Ma kien hemm ħadd skuzat.

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareg fl- 21 ta' Ġunju 2022

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

46.1.1 Ma kien hemm l-ebda apoloġija.

**46.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il- 25 ta' Mejju 2022 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

46.2.2 Paġna Nru.2 para 45.2.2 – Ħsara fil-Lift – Is-Sindku infurma lil Kunsill li s-Service provider għad għandu diffikultajiet bil-parts. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li dan qed jiġi ikkuntatjat kuljum sabiex tinstab solozzjoni.

46.2.3 Paġna Nru.2 para 45.2.3 – Problema tal-Funerali – Is-Sindku ikkonferma li s-signs ġew ordnati u li meta jaslu u jitwaħħlu il-marki s-sofor għandhom jingħataw iz-zebgħa mil-gdid, kif mifthiem fil-laqgħa li ghaddiet.

46.2.4 Paġna Nru.2 para 45.2.4 – Community Police – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurma lil kunsill li l-laqgħa ta' 1 ta' Gunju 2022 ġiet ikkancellata minn naħa tal community police, huma talbu li issir laqgħa mal kunsilliera kollha. Il—Kunsill qabel li din il-laqgħa ghandha issir nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju fl-ufficju tal-kunsill.

46.2.5 Paġna Nru.2 para 44.2.5 – Serviżż ta' Maintanance tal-laptops – Il-Kunsilliera J.Borg issuggeriet li tittella post fuq facebook sabiex il-pubbliku jkun infurmat b'dan is-servizz. Il-Kunsillliera qablu kollha.

46.2.6 Paġna Nru.3 para 44.2.8 – Sleeping Police Triq Ponsomby – L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li saret l-applikazzjoni ma Transport Malta u il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni.

46.2.7 Paġna Nru.2 para 45.2.7 – Wifi tax-Xatt – Fuq mistoqsija tal-kunsilliera J.Borg, l-agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li saru ix-xogħlijiet fuq il-ħsarat li kien hemm u issa il-Weifi tax-Xatt qed jaħdem kif suppost.

46.2.8 Paġna Nru.2 para 45.2.8 – Maintanance tal-Ġnien – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil kunsill li kotazzjonijiet bil-miktub ma wasslux s'issa. Il-Kunsill insista li mingħajr quotes bil-miktub l-ebda kuntrattur ma jista jibda. Is-Sindku semmgħa li temporanjament u skond l-MOU li sar mal Cleasing Department, certu xogħal fix-xatt jista jsir min-naħa tagħhom.

46.2.9 Paġna Nru.3 para 45.3.1 – Gnien Kunsill ta' l-Europa – Il-Kunsiller S.Farrugia ried jerġa jiddiskuti dan il-proġett għaliex qal li hu kien talab il-

local plan mhux il-pjanti tal-gnien. Is-Sindku irrisponda li dawn il-local plans ilhom li saru sittax il-sena ilu u li fl-opinjoni tiegħu dawn ma ghadhomx reali għaz-zminijiet tal-lum. Filwaqt illi ghandhom is-sahha legali għaldaqstant wieħed irid jikkunsidra illi iz-zminijiet inbidlu u maz-zmien inbidlu il-bzonnijiet. Is-Sindku irrimarka ukoll illi imkien fil-local plans li japplikaw ghal-Gzira ma hemm referenza ghall-Fuel Station ghalhekk kull applikazzjoni jew ahjar interpretazzjoni hija wahda frivola. Is-Sindku spjega illi bhala l-iktar lokalita popolata f'Malta hemm bzonn illi id-deczjonijiet bhal dawn jittiehdu f'dan l-ambitu. Zied jghid li hija gennata li l-unika gnien li jservi ghal inhawi jigi sagrifikat ghal-fuel station iktar u iktar meta hemm tlett fuel stations ohra tefa ta gebla il-boghod.

46.2.10 Paġna Nru.3 para 45.3.4 – Public Convenience – Fuq talba tal-kunsilliera J.Borg, is-Sindku reġa spjega dak li kien diskuss fil-laqgha li ghaddiet. Il-Kunsill gie infurmat li l-public convenience ser tinfetaħ ħmistax ohra bi prova kif miftiehem mal-Bus Stop Lounge.

46.2.11 Paġna Nru.3 para 45.3.3 – Progett Manoel De Vilhena – Is-Sindku semmgħa li fuq l-aħħar ilmenti li kien hemm minħabba ir-rieħa tad-dranagg, din ġiet solvuta qabel ma jinkesa il-wicci. Spjega ukoll li l-brick ser jaslu Malta fil-jiem li gejjin u jitkompla x-xogħol. Madanakollu spjega ukoll li dan il-progett huwa vast u jiddependi minn ħafna nies, fejn wieħed jiddependi minn ieħor u jekk ikun hemm dewmien, kulħaadd ser jintlaqat.

46.2.12 Paġna Nru.4 para 45.3.7 – Dwal tat-Toroq – il-Kunsillier N.Cetchuti talab aġġornament fuq dan il-punt, fejn is-Sindku irrisponda li kellem il-ministru u qied jistenna risposta minn naħa tagħhom.

46.2.13 Paġna Nru.4 para 45.3.5 – Għamara għal Boardroom – L-Aġent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil kunsill li hija marret taraa il-kwalita ta l-irħas fornitur u ikkonfermat li hija tajba. Is-Segretarja uriet l-għazla ta kuluri li hemm available sabiex il-kunsill jieħu decizjoni u din ittieħdet. Is-Segretarja ipprezentat ukoll 3D tal-boardroom prezenti bl-għamara il-gdida u talbet lil kunsill sabiex jerġa jikkonsidra d-decizjoni li ticcaqla il-boardroom. Il-Kunsill iddecieda li jħalli il-boardroom fejn hi. Is-Segretarja infurmat ukoll li-kunsill li l-fornitur mhux ser ikun f'pozizzjoni li jagħmel il-kunsinna qabel Settembru.

46.2.14 Il-Kunsillier I.Buhagiar ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 45 jiġu approvati. Il-Kunsillier N.Chetcuti ssekondaħ.

**46.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

46.3.1 Magna għal fliexken reċiklabbli – Is-Sindku infurma lil kunsill li saret talba sabiex tiġi installata magna għal fliexken reċiklabbli fi Tiriq tas-Sliema, fejn

il-grada ta' l-iskola sekondarja. Minħabba li l-kunsill ma sabx post ieħor fejn tista' titpogga, il-kunsill accetta din il-talba.

46.3.2 Petizzjoni Petrol Station – Is-Sindku infurma lil kunsill li l-petizzjoni gew ipprintjati u ser jitqasmu bil-maltapost il-ġimgħa ta' wara il-laqgħa. Il-Petizzjoni tinsab ukoll online.

46.3.3 Tqassim ta' boroz – Is-Sindku ikkonferma li l-boroz waslu u bdew jitqassmu. Il-Kunsill kien iddecieda fl-aħħar laqgħa li min jieħu pakket boroz għandu jiġi iċċargjat 30c kull pakkett, dan sabiex ma jkunx hemm ħela. Peress li ma l-ewwel tqassim il-pakketti ingħataw b'xejn, mill-għada tal-laqgħa r-residenti ser jibdew jiġu iċċargjati 30c. Għadu ukoll jitefa' avviv fuq facebook.

46.3.4 Financial Statements - Is-Sindku ipprezenta il Finanical Statements għas-sena 2021. Hu ta' spjegazjoni ta l-ammont ta flus li daħħal il-kunsill u ta dawk li nefaq. Kompla jgħid li il-kunsill għalqa is-sena bi ftit iktar minn sitt elef minn taħt. Is-Sindku spjega ukoll il-balance sheet, gejn waqt id-diskussjoni l-kunsill iddecieda li jqabbad perit sabiex jagħmel re-evaluation tal-propjeta tal-kunsilll (il-binja fejn jinstabu l-ufficini tal-kunsill). Is-Sindku ikkonferma li l-qagħda finanzjarja tal-kunsill hija tajba, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-maġġor parti tal-krédituri jitħalsu fit-tletin gurnata u whud minnhom f'inqas. Fl-aħħar tad-diskussjoni il-kunsill approva il-financial statements.

**46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

46.4.1 It-twegibiet tal-Kunsilliera S.Farrugia u J.Borg ġew imwieġba waqt il-qari u l-approvazzjoni tal-Minuti.

**46.5 Rapporti**

46.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

**46.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

46.6.1 Il-Kunsilliera qabblu li ghandhom jerġaw jitpoggew zewġt mobile toilets fix-xatt. Is-Segretarja ser iggieb il-kwotazzjonijiet u tmexxiji skont N.Cetchuti semmgħa li hemm bzonn tintbghat ittra lil-Lesa dwar id-direzzjoni li ta' il-kunsill.

46.6.2 Il-Kunsillier S.Farrugia ippropona li fix-xatt jitpoggew bins bi tlieta, skart imħallat, ħġieg u skart reċiklabbli. Il-Kunsill iddecieda li qabel ma jitbaghtu għal kwotazzjonijiet, il-Kunsillier N.Cetchuti għandi jkellem lil Cleansing Department sabiex jipprodu dawn il-bins u jaghti aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

46.6.3 Il-Kunsillier S.Farrugia issuggerixxa li jsiru il Box Bottles, waħda għal plastik u l-oħra ghal laned, fejn dawn jitpoġġew ix-xatt tal-Gzira. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

46.6.4 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmha li l-bankina ta' Triq Edgar Bernard għandha bzonn li tingħata il-konkos u indika lis-segretarja fejn għandu jsir ix-xogħol.

46.6.5 Il-Kunsilliera J.Borg staqsiet dwar is-sejħa għal Segretarju Ezekuttiv. L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjegat li sabiex jinbeda il-process il-kunsill għand l-ewwel jagħmel talba lil gvern lokali. Hija infurmat li din it-talba saret imma ir-risposta mil-gvern lokali kienet:

'Wara l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv il-ġdid għas-Segretarji Eżekuttivi u minħabba fil-benefiċċju tas-*security of tenure*, id-Divizjoni qed tistenna mingħand il-*Public Service Commission* (PSC) fuq il-proċess tas-selezzjoni, għaldaqstant mhux qed jinħarġu permessi għalissa.

Kif ikun hemm direzzjoni ninfurmawkom.'

Għaldaqstant is-sejħa ma tistax tinħareġ alissa. Is-Segretarja ipprovdiet koppja tal-korrespondenza.

**46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

46.7.1 Il-Kunsillier I.Buhagiar staqsa dwar il-pagament tal-Happy Parenting. Huwa xtaq jifhem kif l-ammonti mhumiex l-stess kull xhar. Wara diskussjoni il-kunsill iddecieda li ma japprovawx dawn il-pagament, fejn is-sindku għandu jitkellem mal Happy parenting u jikkjarifika fil-laqgħa li jmiss.

46.7.2 Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagamenti tal-ħaddiema immarkati bħal per diem. L-Agent segretarju ezekuttiv infurmat lil kunsill li dawn huma spejjez ta' ikel u trasport waqt li kienu qed jattendu konferenza fi Munich. Kompliet tfihem li dawn ma kienux imħalsa minn qabel, għaldqastant il-haddiema ħalsuhom minn buthom u dawn il-pagamenti huma sabiex

jitħalsu lura. L-ispejjez huma kollha imħallsa mil-fondi tal-proġetti ta' l-unjoni europea.

46.7.3 Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagament tal-fonts. L-Agent segretarju ezekuttiv spjegat li għal fini tal-progett kellha titħallas licenzja għal font specifiku. Il-pagament ma setax isir b'bank transfer, għaldaqstant Fabian Borg ħallas din l-ispiza bil-card tiegħu personali u qed jitlob li jiġi imħallas lura.

46.7.4 Il-Kunsillier S.Farrugia qal li fl-ebda punt l-impjegat Fabian Borg ma ġie jagħti rendikont tal-kuntratt li sar mal-Melita fis-sena 2020. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li dan sar f'waħda mil-laqgħat tas-sena l-oħra.

46.7.5 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament ta EP Maintanance. L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjegat li inqalat u saret mil-gdid ir-rampa u il-bankina tal-Public Convenience

46.7.6 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament ta meter temporanju ta l-illma ma l-Arms. L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjegat li kif infurma is-Sindku ser jingħata l-access ta' ilma għal uzu tal-papri li għad hemm Manoel Island.

46.7.7 Il-Kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il- Vici Sindku R.Mangion ssekonda.

**46.8 Mozzjonijiet**

46.8.1 Mozzjoni No. 02/2022 – Il-Kunsilliera A.Zammit, S. Farrugia u N.Cethcuti tellaw mozzjoni sabiex isir tindif f'qiegħ il-baħar nhar is-Sibt 16 ta' Lulju 22. Is-Sindku oppona mil-ewwel għal fatt li iz-zmien mhuiex ideali, fejn l-bugħaddasa jitpoggew fil-periklu minħabba l-ammont ta' dgħajes. Kompla jgħid li fuq dan l-argument kien hemm diġa diskussjonijiet ma persuni li l-kunsil kien diġa ħadem mahomm fil-passat. Għaldaqstant il-kunsill ikkonkluda li jipposponi dan kollu għal Dicembru.

**46.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

46.9.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 8.30pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |